# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 11 ta' Novembru 2021**

**Kawza Numru: 14**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 713/2021 JVC**

**Mariem Al Saied Zawia Abela (I.D. 338100L) magħrufa bħala Maria Zawia Abela jew Maria Abela**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Mariem Al Saied Zawia Abela kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. ‘Illi l-esponenti ilha tgħix Malta minn mindu kellha xi sena, wara li hija kienet twieldet ġewwa Tajour/Tajoura fil-Libja fejn hija kienet twieldet fit-22 t’Awissu 1997;

2.

**Żbalji f’isem l-esponenti u korrezzjonijiet mitluba.**

3. Illi l-esponenti tispjega li skond iċ-ċertifikat ta’ Twelid Libjan tagħha) isimha u kunjomha ġew indikati bħala Mariam (isimha) Zawia (kunjomha) kif jirrizulta mid-dokument rispetti u mit-traduzzjoni li ser issir referenza għalihom hawn taħt;

4. L-esponenti tispjega wkoll pero’ li meta ġie reġistrat iċ-ċertifikat ta’ Twelid tagħha hawn Malta datat 14 ta’ Settembru 2000 bin-numru ta’ reġistrazzjoni progressiv 3381 (kopja annessa bħala **Dok MA-1)**, it-traduzzjoni li ntużat jew li saret taċ-ċertifikat ta’ twelid Libjan tagħha kienet afflitta minn żball konsiderevoli hekk illi isimha ġie ndikat bħala Mariem Al Saied mentri isimha proprju hu Mariam biss fil-waqt li l-ismijiet Al Saied jew Al-Sayed huma referibbli għal isem missierha (kif jirriżulta mill-kolonna li tindika ismu fuq l-istess ċertifikat) u li b’hekk dan ma kellhux jitqies li hu parti minn isimha liema żball għandu jiġi korrett a tenur tal-artikolu 257(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16, Liġijiet ta’ Malta liema talba qed titressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti anki tenut kont tat-talbiet l-oħra li qed jitressqu hawn taħt.

5. Illi dan kollu jinsab konfermat mill-kopja tradotta ta’ l-att ta’ twelid Libjan ta’ l-esponenti hawn anness bħala **Dok MA-2 flimkien** ma’ kopja ta’ l-istess att ta’ twelid (**Dok MA-3**) li jikkonferma li isem u kunjom l-esponenti kien ġie ndikat bħala Mariam (isimha) u Zawia (kunjomha).

6. Illi konsegwenza ta' dan l-iżball, id-dokumenti uffiċjali tal-esponenti b'mod partikolari, il-passaport Malti ta' l-esponenti jindika isem l-esponenti bħala Mariem Al Saied (bħala isimha) flok Mariem jew Mariam biss;

7. Illi mizjud mas-suespost l-esponenti tispjega wkoll li minkejja li isimha jinsab indikat bħala Mariam jew Mariem hija tuza komunement l-isem Malti ta' l-istess isem u cioe' dak ta' Maria kif jirrizulta fost oħrajn mis-segwenti dokumenti relatati max-xogħol tagħha **Dok MA-4** sa **MA-10** li jmorru lura għal numru ta' snin, u dokumenti oħra li jkunu jistaw jiġu preżentati matul il-mori ta' dawn il-proċeduri;

8. Illi f'dan ir-rigward l-esponenti tispjega li fil-waqt li hija tinsab konxja mill-fatt li l-artikolu 253 (2A) jipprovdi li tkun tista' ssir talba lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex issir annotazzjoni li tieħu kont ta' verżjoni tradotta f'lingwa Ewropea oħra tal-istess jew ismijiet li jkunu reġistrati fl-att tat-twelid, u l-użu ta' dak l-isem, f'dan il-każ sabiex l-esponenti tkun tista' tibda' tuża l-isem ta' Maria flok dak ta' Mariem jew Mariam, l-esponenti effettivament ħasset li tenut kont ta' l-anomalija l-oħra li ssemmiet aktar kmieni fejn isimha spiċċa jinkludi erronjament isem missierha Al Saied bħala parti minn isimha, u tenut kont tat-talbiet kollha l-oħra li qed isiru f'dan ir-rikors, din l-istess talba kellha tkun ukoll inkorporata f'dawn il-proċeduri biex kwalsiasi tibdil u/jew korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet oħra isir b'mod komplessiv wara li ssir korrezzjoni mitlub fir-rigward tal-isem korrett tagħha kif hawn fuq spjegat;

9. Illi barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, l-artikolu 253 (2) jipprovdi wkoll għall-possibilita' li persuna tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv u b'hekk l-umli fehma hi li t-talba sabiex isem l-esponenti jiġi korrett għal Maria hi waħda li tista' tintlaqa' anki a bażi ta' dan l-artikolu in vista ta' dak hawn fuq spjegat;

**<u>Nuqqas ta' diversi dettalji fiċ-ċertifikat ta' twelid ta' l-esponenti.</u>**

10. Illi miżjud ma' l-iżball hawn fuq imsemmi li jirrizulta fiċ-ċertifikat ta' twelid tagħha, l-esponenti tilmenta wkoll mill-fatt li diversi dettalji li wieħed normalment jistenna li suppost ikollu ndikati fuq iċ-ċertifikat ta' twelid, huma neqsin fiċ-ċertifikat ta' twelid tagħha inklużi dettalji dwar in-numru ta' dokument ta' l-identita' ta' missierha, eta', post ta' twelid u residenza (at birth) ta' l-istess missierha, u isem u kunjom missier missierha u jekk kienx ħaj kif ukoll sorprendentement, kunjom xbubit ommha, numru ta' dokument ta' l-Identita' tagħha, eta', post ta' twelid u residenza (at birth) tagħha, u isem u kunjom missier ommha u jekk kienx ħaj, baqaw kollha neqsin;

11. Illi f'dan ir-rigward l-esponenti tħoss li dan il-fatt għandu jiġi wkoll indirizzat għaliex hija ma tistax tifhem kif meta ġie reġistrat iċ-ċertifikat ta' twelid tagħha dan tħalla jiġi reġistrat mingħajr daqstant dettalji inkluz saħansitra dettalji tassew bażiċi bħal kunjom xbubit ommha u dettalji oħra tagħha li

jistaw jirrendu lill-ommha prattikament mhux identifikabbli fuq l-istess Att b'konsegwenzi oħra li dan il-fatt jaf iġib miegħu fosthom diffikultajiet li jafu jinqalaw f'każ ta' ħtieġa ta' kwalsiasi riċerki referibbli għall-esponenti, inkluż eventwali riċerki testamentarji, kuntrattwali etc;

L-esponenti fil-fatt tħoss li jekk stess meta ġie reġistrat iċ-ċertifikat ta' twelid tagħha dawn id-dettalji ma kienux jitqiesu neċessarji jew ma ġewx provduti, hija tħoss li dawn għandhom jiġu nklużi biex hija jkollha ċertifikat ta' twelid komplut jew kemm jista' jkun komplut kif wara kollox mitlub mill-Artikolu 278 tal-Kodiċi Ċivili u dan anki għaliex hija tħoss li wara kollox, ma għandha xejn anqas minn ħaddieħor u li b'hekk iċ-ċertifikat ta' twelid tagħha għandu jkollu d-dettalji kollha li normalment wieħed isib fih kif anki rikjest mil-liġi!

12. F'dan ir-rigward l-esponenti tispjega li bosta mid-dettalji in kwistjoni jistaw effettivament jittieħdu minn dokumenti uffiċjali oħra referibbli għall-ġenituri tagħha fosthom, miċ-ċertifikat ta' twelid ta' omm l-esponenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 3060 tal-1953) -**Dok MA-11** miċ-ċertifikati ta' żwieġ tagħhom **(Dok MA-12**) jew minn kwalsiasi sorsi oħra li jaf ikollhom id-dipartimenti/awtoritajiet lokali konċernati fosthom ċertifikat ta' twelid ta' missierha jew dettalji ta' karta ta' l-identita' tiegħu jew dokumentazzjoni simili oħra.

13. Fil-fatt għandu jirrizulta li dawn id-dettalji neqsin huma s-segwenti:

- Eta' ta' missierha fit-twelid tagħha li għandha tkun 42 sena (tenut kont li meta skond iċ-ċertifikat ta' żwieġ tiegħu

reġistrat hawn Malta huwa ġie ndikat li kellu 26 sena meta żżewweġ lil omm l-esponenti fit-30 ta' Ġunju 1981);

- Post ta' residenza ta' l-istess missierha (meta twieldet l-esponenti) li wieħed jassumi li kien Tajour/Tajoura cioe' fejn twieldet l-esponenti;
- isem u kunjom missier missierha cioe' Ali Emhamed Zawia (kif jirrizulta miċ-ċertifikat ta' żwieġ tal-ġenituri ta' l-esponenti reġistrat hawn Malta);
- Isem komplut u kunjom xbubit ommha cioe' Rita Rose nee' Abela kif jirriżulta wkoll mill-istess ċertifikat ta' żwieġ tal-ġenituri ta' l-esponenti;
- Numru ta' dokument ta' l-identita' ta' ommha li għandu jkun 0306053(M) kif għandu jirriżulta mill-kopja tad-dokument ta' identita' tagħha hawn annessa bħala **Dok MA-13;**
- eta' ta' ommha fit-twelid tagħha li għandha tkun 43 sena (tenut kont li meta skond iċ-ċertifikat ta' żwieġ tagħha reġistrat hawn Malta hija ġiet indikata li kellha 27 sena meta żżewwġet fit-30 ta' Ġunju 1981);
- Post ta' twelid ta' l-istess ommha li għandu jkun Marsa kif jirriżulta miċ-ċertifikat ta' twelid tagħha ndikat aktar kmieni;
- Post ta' residenza ta' l-istess ommha (meta twieldet l-esponenti) li kellu jkun Tajour/Tajoura, Libja, cioe' fejn twieldet l-esponenti;
- Isem u kunjom missier ommha cioe' Carmelo Abela kif jirriżulta wkoll miċ-ċertifikat ta' żwieġ tal-ġenituri ta' l-esponenti u miċ-ċertifikat ta' twelid ta' ommha hawn fuq imsemmi u jekk kienx ħaj jew mejjet;

L-esponenti tispjega li dettalji oħra konsistenti mis-segwenti m'humiex magħrufin għaliha stante li ma għadx għandha kuntatt ma' missierha kif spjegat f'dan ir-rikors:

- Numru ta' dokument ta' l-identita' ta' missierha (salv verifiki oħra li ser ikunu qed isiru);
- Post ta' twelid ta' l-istess missierha;
- Dettalji dwar jekk missier missierha kienx ħaj jew mejjet meta twieldet l-esponenti;

**<u>Inkonsistenzi fil-kunjom ta' l-esponenti.</u>**

14. Illi min-naħa l-oħra, minkejja li fuq iċ-ċertifikat ta' twelid tagħha, kunjom l-esponenti jinsab indikat bħala Zawia biss, meta l-esponenti ġiet biex tingħata l-Karta ta' l-Identita' tagħha hija ottjeniet l-istess document (Dok **MA - 14** billi ġie ndikat li isimha hu Mariem Al Saied fil-waqt li kunjomha ġie ndikat bħala Zawia Abela - bil-kunjom Abela jirrifletti kunjom xbubit ommha ma' min l-esponenti kienet spiċċat tgħix wara li missierha kien abbanduna lilha u lil familtha fis-sena 2010 cioe' meta 'l-esponenti kellha biss tlettax-il-sena, kif jirriżulta mis-sentenza ta' Separazzjoni tal-ġenituri ta' l-esponenti li ingħatat mill-Qorti tal-Famija fis-27 ta' Frar 2018 (295/2012AL) hawn annessa bħala **Dok MA-15**;

15. Illi madanakollu, minkejja li fil-karta ta' l-identita' tagħha l-esponenti kienet tħalliet tinkludi kunjom ommha u anki ottjeniet ċertifikat maħruġ mill-Ministeru għall-edukazzjoni bl-isem 'Mariem Zawia Abela' – **Dok MA16**, hija kienet pero' ġiet sussegwentement mogħtija l-indikazzjoni li l-mod kif kienet ingħatat id-dokument ta' identita' tagħha dan kien żball u li hija suppost kellha tuża kunjom missierha biss u li

l-karta ta' l-identita' tagħha mhux suppost li ħarġet b'kunjom ommha wkoll!

16. F'dan ir-rigward l-esponenti pero' tispjega li minkejja li wara s-separazzjoni ta' ommha, l-istess ommha baqgħat bil-kunjom ta' żwieġ tagħha, l-esponenti dejjem ħassitha aktar komda tuża kunjom xbubit ommha wara li ġiet abbandunata minn missierha, kif anki muri mid-dokumenti annessi, msemmija aktar kmieni fejn għandu jirriżulta li l-esponenti hija llum kwotidjanament tirreferi għaliha nnifisha u hi magħrufa bħala Maria Abela kif indikat mid-dokumenti esebiti aktar kmieni, u b'hekk hija tixtieq ukoll li tkun tista' żżomm kunjom xbubit ommha biss jew tal-inqas tuża u b'hekk iżżid, kunjom ommha wkoll;

17. Fl-istess waqt mentri sa ftit żmien ilu kellu jirriżulta li l-Artikolu 4(3) tal-Kodiċi Ċivili kien jippermetti li fil-każ ta' ulied iż-żwieġ li twieldu qabel is-7 ta' Awwissu 2007, huma kienu jistgħu jżidu kunjom xbubit ommhom jekk kemm-il darba huma jissottomettu l-Formula T, illum il-ġurnata dan l-artikolu għal raġuni inspjegabbli ġie sostitwit mill-artikolu 4(8) li jipprovdi li din il-bidla tkun tista' ssir favur min ikun twieled Malta tant li jipprovdi li:

*8) It-tfal li **twieldu ġewwa Malta** qabel il-bidu fis-seħħ tal-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u Diversi Liġijiet Oħra, u li dwarhom ma jkunx diġà ntgħażel isem tal-familja fl-Att taż-Żwieġ, jistgħu jieħdu l-kunjom ta' wieħed mill-ġenituri tagħhom, jew il-kunjomijiet taż-żewġ ġenituri, fl-ordni tal-għażla tagħhom, hekk iżda li għandhom jissottomettu lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Formula TT inkorporata fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi ...* ***(enfasi mizjuda)***

18. Illi dan ifisser li peress li l-esponenti ma twilditx Malta, minkejja li ommha hi Maltija, hija inspegabilment qed tiġi bħal li kieku diskriminata billi ma' tistax' tiprevalixxi ruħha minn dan l-istess jedd li kienet alterimenti tkun tista' tipprevalixxi ruħha minnu kieku twieldet Malta, biex tkun tista' tuża kunjom xbubit ommha;

19. Illi barra minn hekk għalkemm l-artikolu 253(2) hu normalment assoċjat ma' talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u mhux kunjom, għandu jirriżulta li f'ċertu każijiet, il-Qrati tagħna użaw id-diskrezzjoni tagħhom biex jippermettu tibdil jew korrezzjonijiet ta' kunjom fejn tqies li dan kien utli għall-interess pubbliku tenut kont ta' kif persuna tkun komunement magħrufa kwotidjanament – kif ikun jista' jinwera fil-mori u eventwali trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri;

20. Illi tenut kont ta' dak kollu hawn fuq spjegat, l-esponenti tixtieq illi a tenur tal-artikoli kollha applikabbli tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) kif elenkati fit-talbiet tagħha hawn taħt imressqin, hija tirranġa darba għal dejjem kwalsiasi reġistrazzjoni inkorretta, inkompleta jew inkonsistenti referibbli għat-dettalji kollha hawn fuq indikati inkluż dawk li jikkonċernaw isimha, kunjomha u dettalji oħra inkorretti jew neqsin fuq iċ-ċertifikat ta' twelid tagħha u kwalsiasi dokument ieħor uffiċjali tagħha konsegwenzjali;

21. Illi l-esponenti qed iitlob li dawn il-korrezzjonjijiet jiġu awtorizzati kemm fuq punt ta' prinċipju għaliex l-esponenti

tixtieq li jkollha dokumenti li jkollhom dettalji korretti u kompleti referibbli għaliha kif ukoll sabiex id-dokumentazzjoni kollha referibbli għaliha tkun tindika b'mod uniformi id-dettalji koretti tagħha kif hija konsistentement magħrufa bihom minflok tibqa' tissussisti sitwazzjoni fejn ikun hemm diskrepanza jew nuqqas ta' informazzjoni referibbli għal tali dettalji bejn ċertu dokumenti u dokumenti oħra referibbli għaliha;

22. L-esponenti tispjega wkoll li minkejja li hija u ommha marru kemm il-darba r-reġistru pubbliku b'mod partikolari kull meta l-esponenti kien imissha li tingħata I.D. Card biex tinġibed l-attenzjoni għan-nuqqasijiet referibbli għal isimha u diskrepanzi jew nuqqasijiet oħra hawn fuq imsemmija dawn dejjem ingħataw x'jifhmu li d-Dipartiment ma seta jagħmel xejn biex jindirizza direttament dak ilmentat – b'hekk din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista ta' dak hawn fuq premess u l-artikolu relevanti tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16, Liġijiet ta' Malta, dina tordna sabiex:

i. Fir-rigward ta' l-Att ta' Twelid ta' l-esponenti Reġistrat mar-Reġistru Pubbliku datat 14 ta' Settembru 2000 bin-numru ta' reġistrazzjoni progressiv 3381 issir il-korrezzjoni neċessarja fil-kolonna bit-titolu '*Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa*' sabiex jitneħħa l-isem żejjed Al Saied minn isem l-esponenti u dan a tenur tal-artikolu 253 (1) 257(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16, Liġijiet ta' Malta jew fl-agħar ipotesi a tenur tal-artikolu 253(2) tal-istess Kap 16;;

ii. Fir-rigward ta' l-istess Att ta' Twelid ta' l-esponenti fil-kolonna bit-titolu '*Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa*' l-isem Mariem jinbidel għall-isem Maria u dan a tenur tal-Artikoli 253(2A) u/jew 253(2) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16, Liġijiet ta' Malta;

iii. Fir-rigward ta' l-Att ta' Twelid ta' l-esponent hawn fuq imsemmi, jiddaħħlu jew jiġu kkoreġuti dawk id-dettalji kollha neqsin kif indikati fil-paragrafu 12 ta' dan ir-rikors maħluf, jew kwalsiasi dettalji oħra nkorretti jew neqsin, skond id-dettalji korretti ndikati fl-istess paragrafu u/jew dawk id-dettalji korretti li għandhom jirrizultaw matul il-mori ta' dawn il-proċeduri, a tenur tal-Artikolu 253(1) u 278 tal-Kodiċi Ċivili Kap 16, Liġijiet ta' Malta:

iv. Fir-rigward ta' l-istess Att ta' Twelid ta' l-esponenti Reġistrat mar-Reġistru Pubbliku kunjom l-esponenti jinbidel għal Abela jew ta' l-inqas jiżdied minn Zawia għal Zawia Abela u dan a tenur tal-Artikolu 253 (2) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16, Liġijiet ta' Malta u/jew tenut kont ta' dak li kien jipprovdi l-artikolu 4(3) tal-Kodiċi Ċivili u dak li hu provdut (iżda favur biss min jitwieled Malta skond l-artikolu 4(8) tal-istess Kodiċi Ċivili;

v. Tordna u tippermetti kwalsiasi korrezzjonijiet jew żidiet oħra referibbli għall-esponenti u tordna u tippermetti lill-Awtoritajiet jew Dipartimenti kompetenti li jikkoreġu u/jew iżidu/jnaqqsu d-dettalji tar-rikorrenti skont kif hawn fuq mitlub fuq kull dokument uffiċjali tal-istat Ċivili tagħha, Karti ta' l-Identita' passaport jew fuq kwalsiasi dokumenti oħra uffiċjali oħra tagħha sabiex dak kollu hawn fuq indikat

jiġi riflessi ukoll f'tali dokumentazzjoni inkluż a tenur tal-artikolu 256 et. seq. tal-Kodiċi Ċivili;

u dan skond dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Reġistru Pubbliku stante li n-nuqqasijiet hawn fuq ilmentati huma nuqqasijiet li l-esponenti ma taħti bl-ebda mod għalihom u kienu anzi nuqqasijiet li kellhom jiġu evitati mill-istess intimat.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

**2.** Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

**3.** Illi mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, innumerat 3381/2000, kopja ta' liema tinsab hawn annessa mar-rikors promotur intavolat mir-rikorrenti u mmarkata 'Dok. MA 1', jirriżulta illi hija twieldet f'Tajoura, l-Libya, fit-22 t'Awissu tas-sena 1997, lil Al Saied Zawia u lil Rita, u li Mariem Al Saied huwa l-isem li ingħat mill-ġenituri tagħha u li għandha tissejjaħ bih;

**4.** Illi fil-każ odjern jirriżulta illi saret talba għar-reġistrazzjoni tal-att tat-twelid esteru ta' Mariem Al Saied Zawia u flimkien ma'

din it-talba, id-Direttur konvenut kien fornut bl-att tat-twelid esteru tagħha, liema att esteru flimkien mad-debita traduzzjoni li kienu pprovduti lid-Direttur intimat jinsabu hawn annessi u mmarkati 'Dok. DRP 1' u 'Dok. DRP 2' rispettivament. L-esponent jissottolinea illi reġistrazzjoni ta' att ta' stat ċivili ssir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn id-Direttur konvenut jislet dik l-informazzjoni mill-Att esteru u jirreġistra l-istess ad verbatim fuq dak Malti;

**5.** Illi l-esponent umilment jirrileva illi meta wieħed iqabbel l-att tat-twelid esteru tar-rikorrenti mal-att tat-twelid lokali tagħha bin-numru 3381/2000, jara li l-att lokali effettivament jirriproduċi testwalment u fedelment l-informazzjoni kollha li tinsab fuq l-att tat-twelid esteru tagħha, u għalhekk kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti, ma jirriżultax illi effettivament kien sar xi żball jew li kien hemm xi omissjoni da parti tad-Direttur intimat;

**6.** Illi fiċ-ċirkostanzi u bla ħsara għall-premess, fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni talba attriċi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**7.** Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tat-tielet talba attriċi, l-intimat ma jista' qatt jaċċetta illi l-informazzjoni li hija nieqsa mill-att tat-twelid tar-rikorrenti timtela b'dettalji anke jekk m'hemmx ċertezza dwarhom. Ir-rikorrenti tuża frażijiet bħal "wieħed jassumi li kien Tajour/Tajoura". Bid-dovut rispett, iċ-ċertifikati tat-twelid huma dokumenti li għandhom jirriproduċu fatti u mhux assunzjonijiet kif donnha tippretendi r-rikorrenti;

**8.** Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, id-Direttur intimat jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

**9.** Illi fir-rigward tal-ħames talba attriċi, fejn qed tintalab il-korrezzjoni ta' "kull dokument uffiċjali tal-istat Ċivili tagħha", qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv. Għal kull buon fini l-esponent itenni illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku mhux responsabbli għall-ħruġ tal-Karti tal-Identità, passaporti u dokumenti oħrajn li tagħmel referenza għalihom ir-rikorrenti;

**10.** Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**11.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'.

Rat li din il-Qorti appuntat r-rikors ghas-smigh ghat-2 ta' Novembru, 2021.

Semghet ix-xiehda ta' omm ir-rikorrenti Rita Abela kif ukoll ix-xiehda tal-istess rikorrenti liema xiehda giet ukoll rrekordjata;

Rat li fl-istess seduta l-partijiet iddikjaraw il-provi taghhom maghluqa.

Semghet it-trattazzjoni verbali tal-Avukati difensuri tal-partijiet.

Rat illi fl-istess verbal ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti qed titlob principalment li hija tigi rikonoxxuta fic-certifikat tat-twelid taghha, finalment, bl-isem ta' Maria Abela flok dak indikat fuq ic-certifikat tat-twelid u cioe' Mariem Al Saied Zawia. Dan a bazi li ssostni li kien hemm zball fit-traduzzjoni tac-certifikat tat-twelid esteru taghha kif ukoll ghaliex hija ilha maghrufa b'dan l-isem u l-kunjom sa minn meta kienet ta' eta' zghira. Titlob ukoll li tigi mizjuda bosta informazjoni li ma tnizzlitx fic-certifikat tat-twelid taghha esebit a fol. 9 tal-process. Sabiex tissostanzja dan kollu r-rikorrenti esebiet bosta dokumentazzjoni fl-atti.

Id-Direttur ntimat isostni li da parti tieghu giet registrat dak li kien indikat lilu fic-certifikat tat-twelid bit-traduzzjoni presentata lilu u dan stante li r-rikorrenti originarjament twieldet fil-Libja. Suggett li dak mitlub huwa sostanzjat b'evidenza, d-Direttur ntimat jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti suggett ukoll li ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

Illi jirrizulta li fil-verbal tat-2 ta' Novembru, 2021 ir-rikorrenti ddikjarat li hija lesta li tbati l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

Il-Qorti rat ukoll li l-ewwel eccezzjoni mqajjma mid-Direttur intimat giet sorvolata stante li l-pubblikazzjoni skont il-ligi saret u giet esebita a fol. 48 tal-process.

Il-Qorti semghet lil omm ir-rikorrenti tixhed li bintha sa minn dejjem kienet maghrufa bl-isem ta' Maria Abela anki fl-eta li hi kienet l-iskola. Tghid li kien biss wara li saret taf li isem bintha kien indikat b'mod divers fic-certifikat tat-twelid taghha partikolarment li isem missierha kien mizjud mal-ewwel isem. Tixhed ukoll li bintha qed tbati konsegwenza ta' din is-sitwazzjoni.

L-istess tixhed ir-rikorrenti u cioe' li s-sitwazzjoni fejn hija maghrufa b'isem u kunjom partikolari izda fuq ic-certificat tat-twelid hemm indikati ismijiet u kunjom divers qed tikkawzala bosta dwejjaq. Fil-fatt ir-rikorrenti xehdet quddiem din il-Qorti bid-dmugh f'ghajnejha u dehret genwinament iddispjacuta u mwegga' ferm b'dak li hija ghaddejja minnu. Tghid li sahansitra kienet inhargitilha karta tal-identita' bil-kunjom Abela wara l-kunhom Zawia (li jigi kunjom missierha) izda wara bdew jibghatu ghaliha sabiex tbiddilha ghaliex qalulha li kien sar zball. Inghad kliem lilha wkoll fis-sena li la darba kunjom ommha mhux indikat fuq ic-ceritfiakt tat-twelid hi ghalihom qisha ma hi bint hadd!

Il-Qorti rat mill-atti li r-rikorrenti tul hajjitha ottjeniet diversi dokumenti li lkoll jirrikonoxxuha bhala Maria Abela. Rat ukoll li fis-sentenza ta' separazzjoni personali bejn ommha u missierha r-rikorrenti dak iz-zmien minuri sar referenza ghaliha bhala Maryanne. Dan jevidenzja wkoll sitwazzjoni prezenti fejn tezisti bosta konfuzjoni fuq l-isem korrett tar-rikorrenti.

Il-Qorti f'dan l-istadju ser tghaddi sabiex tikkunsidra wahda, wahda l-bosta talbiet mressqa mir-rikorrenti b'evalwazzjoni tal-evidenza provduta fl-atti:

1. **L-ewwel talba** sabiex fl-att tat-twelid tar-rikorrenti isimha jigi ndikat bhala dak ta' 'Mariem' biss u ghalhekk jigu eliminati l-kliem 'Al Saied'. Illi mill-atti lill-Qorti jirrizultalha li fit-traduzzjoni prezentata lid-Direttur intimat verament gie ndikat l-isem ta' 'Mariem Al Saied'. Izda mill-istess traduzzjoni johrog ukoll li l-kliem 'Al Saied' jikkonsistu f'isem missier ir-rikorrenti u mhux isimha. Il-Qorti ghalhekk tqis li din it-talba hija gustifikata u ser tghddi sabiex tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti.

2. **Fit-tieni talba** taghha r-rikorrenti titlob li fl-istess kolonna tac-certifikat tat-twelid taghha l-isem 'Mariem' jinbidel ghall-isem ta' 'Maria' u dan stante li hija ilha hekk maghrufa sa minn eta' zghira. Kif gia suespost, mill-atti jirrizulta sufficjentement pruvat sal-grad rikjest mil-ligi, li r-rikorrenti fil-hajja ta' kuljum sa minn eta' zghira, kienet u ghadha maghrufa bl-isem ta' 'Maria' u mhux dak ta' 'Mariem' u ghalhekk il-Qorti tqis li t-tieni talba tar-rikorrenti giet sufficjentement pruvata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess;

3. **Fit-tielet talba** taghha r-rikorrenti tindika diversi ommissjonijiet fic-certifikat tat-twelid u titlob li tiddahhal l-informazzjoni relattiva. Kif gia inghad id-Direttur intimat irrimetta ruhu biss izda ghal dik l-informazzjoni li hija sufficjentement pruvata:

i) **L-eta' ta' missierha**: Il-Qorti rat mic-certifikat taz-zwieg a fol. 21 tal-process li fit-30 ta' Gunju, 1981 missier ir-rikorrenti gie ndikat li kellu l-eta' ta' 26 sena. Ir-rikorrenti twieldet nhar it-22 ta' Awwissu, 1997 w'ghalhekk jirrizulta matematikament li missierha kellu l-eta ta' 42 mat-twelid taghha kif indikat fit-talba. Il-Qorti

ghalhekk tqis din il-parti tat-tielet talba sufficjentement pruvata u ser tilqa' l-istess;

ii) Illi dwar il-**post ta' residenza ta' missier ir-rikorrenti**, l-istess rikorrenti tindika li dan jista biss jigi assunt. Assunzjoni mhijiex prova sufficjenti kif tiddetta l-ligi u ghalhekk il-Qorti ser tichad din il-parti tat-tielet talba;

iii) **Isem u kunjom missier missier ir-rikorrenti** li hija tindikah bhala 'Ali Emhamed Zawia': Il-Qorti rat li mic-certifikat taz-zwieg tal-genituri tar-rikorrent jirrizulta li dak li qed titlob ir-rikorrenti huwa korrett u gia rikonoxxut mid-Direttur intimat. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabeix tilqa' din il-parti tat-tielet talba;

iv) **Isem u kunjom xbubit omm ir-rikorrenti Rita Rose nee' Abela**: Il-Qorti rat li din l-informazzjoni hija wkoll debitament rikonoxxuta mid-Dirttur intimat fic-certifikat taz-zwieg tal-genituri tar-rikorrenti u ghalhekk sufficjentement pruvata. Il-Qorti ser tghaddi ghalhekk sabiex tilqa' wkoll din il-parti tat-talba;

v) **In-numru tal-karta tal-identita' ta' omm ir-rikorrenti** li mid-dokument a fol. 22 tal-process jirrizulta li huwa dak ta' 0306053M. Stante li dan huwa numru tal-identita' moghti mill-istat Malti, l-Qorti ssibha ferm difficli biex tifhem ir-raguni ghalfejn dan ma giex indikat fic-ceritfikat tat-twelid tar-rikorrenti bintha mill-istess Direttur li minghandu originarjament jinhareg dan in-numru. Il-Qorti ser tilqa' wkoll din it-talba;

vi) **L-eta' ta' omm ir-rikorrenti**: Jirrizulta lill-Qorti mid-dokument a fol. 22 li omm ir-rikorrenti twieldet fit-8 ta' April, 1953. Ir-rikorrenti twieldet nhar it-22 ta' Awwisu, 1997. Ghalhekk matematikament jirrizulta li omm ir-rikorrenti mat-twelid ta'

bintha r-rikorrenti kellha l-eta' ta' 44 sena. Il-Qorti ser tghaddi ghalhekk sabiex tilqa' din il-parti tat-talba;

v) **Post tat-twelid ta' omm ir-rikorrenti**: Jirrizulta wkoll mill-karta tal-identita' tal-omm a fol. 22 li hija twieldet il-Marsa ghalhekk din il-parti tat-talba qed tigi milqugha;

vi) **Post ta' residenza ta' omm ir-rikorrenti mat-twelid taghha:** Bhal fil-kaz tal-missier din l-informazzjoni mill-atti tista biss tigi assunta u mhux sufficjentement pruvata u ghalhekk din il-parti tat-talba ser tigi michuda;

vii) **Isem u kunjom missier omm ir-rikorrenti** li ghandu jigi ndikat bhala 'Carmelo Abela'. Il-Qorti rat li mill-informazzjoni li tirrizulta mic-certifikat taz-zwieg tal-genituri tar-rikorrenti esebita fol. 21, missier omm ir-rikorrenti huwa ndikat li kien jismu 'Carmel Abela' u mhux 'Carmelo Abela' u ghalhekk din it-talba qed tintlaqa' bil-varjazzjoni izda li isem u kunjom missier omm ir-rikorrenti ghandu jigi ndikat bhala **'Carmel Abela'**;

4. **Fir-raba' talba** taghha r-rikorrenti titlob li kunjomha jigi mibdul ghal Abela jew mill-anqas li flimkien mal-kunjom Zawia jizdied il-kunjom Abela. Il-Qorti rat mill-atti li r-rikorrenti hija maghrufa konsistentement fil-pubbliku bil-kunjom Abela biss u mhux ukoll bil kunjom Zawia qablu. Il-Qorti ghalhekk tqis li sabiex ma jkunx possibiltajiet ta' identita' doppja, stante li huwa fl-ahjar interess tal-pubbliku in generali li r-rikorrenti jkollha l-kunjom li hija maghrufa pubblikament bih u wkoll stante li huwa car lill-Qorti li l-ezistenza tal-kunjom Zawia qed ikun sors ta' dwejjaq u ugiegh ghar-rikorrenti li ghadha ta' eta' zghira u ghalhekk huwa wkoll fl-ahjar interess taghha li din it-talba tigi milqugha, ser tghaddi sabiex tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti u tordna li kunjom ir-

rikorrenti fl-Att ta' Twelid taghha jigi ndikat bhala 'Abela' u l-ebda kunjom iehor. Fuq kollox din il-fakulta' li ulied jiehdu kunjom wiehed minn tal-genituri taghhom u dan billi jiehdu dak li ghazlu huma, jekk id-decizjoni ma ttihditx ghalihom qabel, ma ghandhiex tkun diskriminatorja favur persuni mwieldin f'Malta biss;

5. **Il-hames talba** hija konsegwenzjali ghat-talbiet precedenti u ser tigi milqugha limitatament ghal dawk l-atti fil-poter tad-Direttur intimat. La darba jsiru l-korrezzjonijiet ordnati ghandu jkun konsegwenzjali li dokumentazzjoni ohra fil-poter ta' awtoritajiet ohra tigi wkoll korretta.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat sorvolata;

2. Tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat salv f'dik il-parti fejn huma kompatibbli ma dak hawn fuq deciz;

3. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u fir-rigward ta' l-Att ta' Twelid tar-rikorrenti Reġistrat mar-Reġistru Pubbliku datat 14 ta' Settembru 2000 bin-numru ta' reġistrazzjoni progressiv 3381 tordna li ssir il-korrezzjoni neċessarja fil-kolonna bit-titolu '*Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa*' sabiex jitneħħa l-isem żejjed 'Al Saied' minn isem ir-rikorrenti u dan a tenur tal-artikolu 253 (1) 257(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16, Liġijiet ta' Malta jew fl-agħar ipotesi a tenur tal-artikolu 253(2) tal-istess Kap 16;

4. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u fir-rigward ta' l-istess Att ta' Twelid tar-rikorrenti fil-kolonna bit-titolu '*Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa*' tordna li l-isem 'Mariem' jinbidel għall-isem 'Maria' u dan a tenur tal-Artikoli 253(2A) u/jew 253(2) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16, Liġijiet ta' Malta;

5. Tilqa' it-tielet talba in parte u fir-rigward ta' l-Att ta' Twelid tar-rikorrenti hawn fuq imsemmi tordna li jiddaħħlu jew jiġu kkoreġuti dawk id-dettalji kollha neqsin kif indikati fil-paragrafu 12 ta' dan ir-rikors maħluf kif deciz aktar il-fuq fil-paragrafu bin-numru 3 u li jibda '**Fit-tielet talba** . . . .' b'dana li ghandhom isiru l-korrezzjonijiet kollha kif hekk milqugha u ndikat minn din il-Qorti aktar il-fuq, salv ghar-residenza tal-genituri tar-rikorrenti mat-twelid taghha stante li dan id-dettal ma giex sufficjentement pruvat;

6. Tilqa' r-raba' talba u fir-rigward ta' l-istess Att ta' Twelid tar-rikorrenti Reġistrat mar-Reġistru Pubbliku tordna li kunjom ir-rikorrenti jinbidel għal 'Abela' minghajr ebda kelma jew kunjom iehor mizjud mieghu;

7. Tilqa' l-hames talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet jew żidiet oħra konsegwenzjali ghal dak deciz u tordna lid-Direttur intimat jikkoreġi u/jew iżid/jnaqqas d-dettalji tar-rikorrenti skont kif deciz fuq kull dokument uffiċjali tal-istat Ċivili tagħha entro l-poteri tad-Direttur intimat inkluż a tenur tal-artikolu 256 et. seq. tal-Kodiċi Ċivili;

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkustanzi kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**11 ta' Novembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**11 ta' Novembru, 2021**